## Il-Kumitat tax-X. T. I. M., Nadur

għas-sena 1943 li sar fil-25 ta' April.

President: P. Pawl Tabone, O.F.M. J. C. & Th. Mor. Lect. Glis.
Viċi President: Dr. G. Cauchi, LL.D.
Segretarju: Is-Sur P. Portelli, Ph. C.
Kaxxier: Is-Sur K. Grima.
Ass. Seg: Miss Ġ. Portelli.
Ass. Kaxxier: Is-Sur A. Buttigieg.
Membri: Is-Sur K. Said, Is-Sur P.P. Attard, Is-Sur G. Said.

---

# KONKORS TA' POEŻIJA

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tniedi konkors letterarju għal BALLATI miktuba bil-Malti.

Il-Ballata trid tkun oriġinali u li s'issa għad ma kienet ippubblikata mkien. Irid ikun fiha mhux aktar minn 100 vers. Il-kitba li tinbagħat, taħtha jrid jitniżżel nom-de-plume; l-isem u l-indirizz ta' kull min jidħol għall-konkors irid jitqiegħed f'envelope magħluq li jkun fih in-nom-de-plume miktub minn barra. Kull kitba tinbagħat lis-Segretarju "Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", c/o Empire Press, il-Belt, u għandha tasallu mhux iżjed tard mill-31 ta' Awissu, 1943.

Għall-aħjar l-ewwel tliet Ballati jingħataw *Diplomi*. Il-"Ballati" li jieħdu dawn id-Diplomi u dawk li jistħoqqilhom jissemmew b'tifħir jidhru f'ħarġa ta' "Il-Malti", l-organu letterarju tal-"Għaqda".

Ġużè Chetcuti
Segretarju.

# "IL-QAWMIEN MALTI"

Niftrħu bl-aħbar li twaqqfet għaqda ġdida fost il-Maltin ta' barra; din il-għaqda — Qawmien Malti (Maltese Renaissance) bi ħsiebha tiġbor il-Maltin kollha mxerrdin mad-dinja biex magħqudin flimkien aktar tinstama' l-kelma tagħhom.

Din il-Għaqda li ma hix la pulitka u lanqas għal qligħ il-flus twaqqfet sabiex tkattar l-imħabba lejn Malta fost uliedha u sabiex ixxerred it-tagħlim ta' l-Ilsien Malti; għalhekk tagħmel ħilitha kollha biex:—

Ixxerred il-Kitba Maltija fuq l-ortografija uffiċjali.
Tiġbor il-Maltin tad-Dinja kollha fi ħsieb wieħed bħal aħwa.
Tgħarraf il-ġmiel ta' Malta u l-kobor ta' ġensha.
Toħroġ Kotba, Rivisti u Ġurnali bil-Malti.
Tagħti b'xejn kotba bil-Malti lil skejjel u lil studenti.
Tniedi Konkorsi Letterarji Maltin.
Torganizza safriet għal Malta minn pajjiżi barranin.
Tagħti premijiet għall-aħjar ktieb jew biċċa tal-palk oriġinali bil-Malti.

Tista' tixxierek fil-Għaqda:—

I: Bħala FUNDATUR billi tislef lill-Għaqda bi mgħax ta' 2% fis-sena għal żmien mhux magħruf somma ta' flus (mhux anqas minn £3).

II: Bħala MSIEĦEB GĦAL ĦAJTEK KOLLHA billi tagħti donazzjoni ta' £5.

III: Bħala MSIEĦEB KOMUNI billi tħallas 10 Pt: fis-sena bil-quddiem.

Għal kull tagħrif ikteb lis-Segretarju Ewlieni "IL-QAWMIEN MALTI" P.O. Box 183, Port Said.